MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 856/2004

**Nazzareno cassar u Joseph Cassar**
**vs**
**Mario Psaila**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' April, 2004, fejn inalab il-hlas ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm922.24) rapprezentanti l-prezz ta' materjal u hlas dovut ghal xoghol ta' installazzjoni ta' elettriku, kostruzzjoni, tikhil, kisi u tibjid (is-servizzi rezi) liema servizzi gew rezi mill-atturi lill-konvenut fuq inkarigu specifiku tal-konvenut. L-atturi talbu wkoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imghax legali flimkien ma' l-ispejjez kollha ta' din il-procedura, kollox kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Gunju, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-ekwita` ghas-segwenti ragunijiet:**
**i. Preliminarjament il-konvenut Mario Psaila m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li x-xoghol li allegatament sar mill-atturi gie kkummissjonat u sar fi proprjeta` ta' terzi, u cioe` fi proprjeta` ta' certu Grezzju Patignott u/jew tas-socjeta` Horant Properties Limited u mhux fi proprjeta` tal-konvenut.**
**ii. Illi ghaldaqstant anke fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stnate li l-konvenut m'huwiex debitur ta' l-atturi.**
**iii. Illi f'kull kaz u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-atturi fit-talba attrici huwa eccessiv.**

**Semgha x-xhieda ta' Nazzareno Cassar, Joseph Cassar, Grezzju Patignott, Mario Psaila, Dr. Nikolai Muscat Farrugia u nazzareno Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-nota ta' sottomissjoniiet prezentata mill-konvenut.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirrigwrada talba ghall-hlas ta' materjal u xoghol ta' l-elettriku, kif ukoll bini, kisi, tikhil u tibjid, allegatament rezi lill-konvenut.**

**2. Jibda biex jigi rilevat li ghaddiet korrispondenza bejn id-difensuri tal-partijiet, u hekk gew esebiti l-ittra datata 26 ta' Jannar, 2003, mibghuta lill-konvenut Dok.A, u l-ittra twegina datata 9 t'Awissu, 2003, Dok.B, kif ukoll l-ittra tad-9 ta' Settembru, 2003, Dok.D mibghuta mill-avukat tal-konvenut lill-avukat tal-atturi. It-Tribunal peress li ma jqiesx li jkun gust li trattattivi bonarji li jkunu ghaddew bejn il-partijiet bil-ghan li jintlahaq ftehim jingiebu bhala prova, mhux ser jaghti ebda piz lill-imsemmija ittri, u ser joqghod biss fuq ix-xhieda l-ohra.**

**3. L-attur Nazzareno Cassar jikkonferma li kien qabbadhom jaghmlu x-xoghol il-konvenut u dana fil-11 ta' Dicembru, 2002. Kien sar ftehim bil-fomm.Kienu ltaqghu mal-konvenut u indikalhom ix-xoghol li xtaq li jsir. Cassar kien talab lill-konvenut imur jurih fejn ried il-plakek. Skond l-attur, fl-1 ta' Jannar, 2003, il-konvenut cempel u infurmahom li l-kont kellhom jaghtuh lil Grezzju Patignott u mhux lilu, ghax qal li n-negozju ma sehhx. Cassar ma kienx jaf dwar liema negozju kien qed jitkellem il-konvenut. Cassar jinnota in partikolari li mhux biss kien il-konvenut li hadhom fuq il-post izda kien hu wkoll li tahom ic-cavetta, li inghatat lil Joseph Cassar.**

**4. L-attur esebixxa dokumenti dwar ix-xoghol ta' ilma, tibjid, dawl u alterazzjonijiet li saru, Dok NC1 sa Dok NC7. Dok.NC1 huwa dak li ghandu x'jaqsam ma' tibjid. Dok.NC2 jirrigwarda xogholijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-elettriku. L-attur jghid li x-xoghol kien a bazi ta' ghoxrin lira (Lm20.00) kuljum. Il-prezz ta' xoghol jikkonsisti f'mija u wiehed u sebghin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm171.77c) kif indikat f'Dok NC2. Id-Dok. NC3 sa Dok.NC7 jirreferu ghall-kontijiet gja indikat f'Dok.NC2. Il-kont sar fl-ahhar ta' Dicembru, 2002. Nazzareno Cassar jghid li ried jghaddi l-kont lill-konvenut peress illi kien hu li qabbdu.**

**5. Joseph Cassar, missier Nazzareno, jikkonferma li kien il-konvenut li tah ic-cavetta tal-fond fejn kellhom isiru x-xogholijiet. Jghid specifikatament li: "Ghall-habta ta' Novembru, 2002, kont gejt imqabbad mis-Sur Psaila naghmel xi xoghol f'garaxx il-Fgura." Skond Joseph Cassar, f'Novembru/Dicembru, 2002, Psaila kien avvicinah u qallu li ser igib *speed boat* u riedu jaghmel xoghol f'garaxx, u fil-fatt urieh il-garaxx. Ix-xhud jghid li kienu ftehemu fuq hlas ta' Lm20.00 kull jum, u kien ghamel xi dsatax il-gurnata jahdem hemm. Kien beda jahdem ghal habta tad-9 ta' Dicembru, u baqa' jahdem sal-4 ta' Jannar, 2003. Jispjega li kien biss meta spicca mix-xoghol, li Psaila qallu li ma ghandux x'jaqsam mieghu, u meta Cassar**

**staqsieh ma minn kellu x'jaqsam, il-konvenut qal li kien hemm persuna li ma kienx mar ghal konvenju tal-garaxx. Cassar jghid li lil Patignott lanqas biss jafu u qatt ma ltaqa mieghu.**

**6. Il-konvenut jghid li ilu jaf lil Cassar, u gieli qabbadhom jahdmulu. Il-konvenut jghid li dwar il-garaxx hu kien qed jinnegozja ma' Grezzju Patignott. Pero` il-kuntratt ma sehhx. Huwa jammetti li iien wera l-garaxx lil Joseph cassar u jghid li kien urieh ukoll xi hadid illi kien fid-dawra tad-dar kollha, u kien inkarigah jizbogh il-hadid. Skond il-konvenut, huwa minnhu li kienba c-cavetta tal-garaxx lil Joseph Cassar, pero` taghilu biss sabiex dan jara kemm ghandu bzonn madum. Il-konvenut jghid li jum minnhom, cempillu Cassar u qallu biex imur jara t-tibjid tal-garaxx, u l-konvenut jghid li nhasad, u peress li cassar kellu jibda mill-hadid. Meta mar fil-garaxx u ra ix-xoghol, il-konvenut qal lil Cassar sabiex il-kontijiet jaghtihom lil Patignott.**

**7. Ix-xhud Nazzareno Abela, li jabita fl-istess triq fejn hadmu l-atturi, jghid li lil Joseph Cassar rah ibajjad u jkahhal, kif ukoll jaghmel xoghol ta' l-elettriku, u dana fuq perijodu ta' ftit gimghat. Jghid ukoll li kien jara lill-konvenut jidhol fl-imsemmi fond fejn kienu qed jahdmu Cassar, waqt li kieneu qed isiru x-xogholijiet. Jghid ukoll li qabel dan il-garaxx kien ta' Patignott. Ma jirrizultax li Patignott qatt resaq lejn il-garaxx waqt li qed isiru x-xogholijiet.**

**8. Grezzju Patignott xehed li kellu konvenju ffirmat mal-konvenut dwar il-garaxx. Meta sar il-konvenju, Patignott ghadda cavetta lill-konvenut. Wara sab li kien sar xoghol fih, pero` hu qatt ma ordna li jsiru xogholijiet.**

**9. Meta wiehed jivvaluta l-provi jirrizulta li kuntrarajament ghall dak li qed jigi sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet ferm studjata tal-abbli difensur tal-konvenut, jirrizulta li effettivament kien il-konvenut stess li qabbad lill-atturi biex jaghmlu x-xohghol li fil-**

**fatt sar. Ma hux eskluz li l-konvenut haseb li l-atturi kienu ser jibdewlu mill-hadid, u allura meta jaslu ghall-garaxx proprja kien ikun konkluz il-kuntratt, pero` ma kienx hemm ftehim car dwar mil liema xoghol kellhom jibdew. Dak illi haseb il-konvenut ma setghux ikunu jafu bih l-atturi.**

**10. Ghalhekk ghall-hlas in kwistjoni ghandu iwiegeb il-konvenut, salv u impregudikat kull dritt ta' l-istess kontra terzi jekk ikun il-kaz.**

**11. Dwar l-ammont pretiz. Ma jirrizultax li dan kien esagerat kif qed jigi allegat mill-konvenut. Jirrizulta li tassew fuq medda ta' jiem l-atturi hadmu fil-fond in kwistjoni, u ghamlu d-diversi xogholijiet u xtraw il-materjal skond kif elenkat fid-Dok.NC1 sa NC.7.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm922.24) bl-imghax legali mid-29 ta' April, 2004, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------